**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 421/23 AL

A B C D E

vs

F G H

(M.R. Numru 958/2016)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

Il partijiet zżewgu nhar is sitta (6) ta Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), gewwa l-Libya, liema zwieg kien registrat gewwa Malta kif jirrizulta mic-Certifikat taz zwieg hawn anness u mmarkat Dok. "". Minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Il-partijiet huma legalment separati u dan permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Scerri fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrien (2021), li kopja tieghu jinsab hawn annessa u mmarkata Dok “B”.

Ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzyoni bejn il-partijiet stante illi minbrra li ilhom ghal dawn l-ahhar sentejn legalment mifrudin minn xuxlin, huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ma hemmx tama ta’ rikonciljazzjoni;

Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qieghed jigi osservat fl-intier tieghu.

Dan qieghed jigi dikjarat bil-gurament tal-esponenti tramite affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness ma’ dan ir-rikors.

Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jisssodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghjid ghaliex din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-

1.Tippronunzja il-hall taz zwieg ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2 Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registra Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta’ Awwissu, 2023;

Rat l-Affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, dehret il-Qorti u nformat lill-Qorti li ma tridx tipprezenta risposta peress illi taqbel illi l-Qorti tilqa` t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin mill-24 ta’ Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.